# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn (2/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2015, fis-1.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUZAT: | Johan Mula | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.
2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi waqaf ix-xogħol f'triq il-Kuċċard minħabba l-maltemp. Qal illi se jkun hemm tappiera fejn sabu l-qabar, izda l-bqija tat-triq se tibqa l-istess livell [ref punt 3.1]. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa sa fejn se tasal is-service road. Is-Sindku fakkar ukoll illi kien il-Gvern illi tela l-ħajt wara li l-kunsilliera oġġeżżjonaw fuq it-tul tagħha u wara li l-kunsillier Publius Abdilla fakkar illi hemm regolamenti fuq dawn il-ħitan. Is-Sindku rrisponda li s-service road ser tkun miftuħa għal kull dħul ta' toroq li jagħtu lejn iċ-ċentru.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla reġa fakkar illi l-ġardinar ma marx jaqta l-ħaxix fejn qed isir il-proġett tal-Ħlantun [ref punt 3.2]. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi dan ix-xogħol sar mill-MTA, waqt illi żied illi ltaqa ma rappreżentant tal-MTA li qal illi l-proġett huwa lest meta fil-fatt m'hemmx ic-CCTV li ġew imwegħdin, u anqas dawl m'hemm. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ra bicca pipe tiela [għad-dawl] u żied illi l-madum qed jinqala. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li nhar il-Ġimgħa ta' wara l-laqgħa se jmorru l-MTA biex jiddiskutu l-proġett ma rappreżentant tagħhom.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-isleeping policemen għadhom kif kienu qabel l-aħħar laqgħa [ref punt 3.6] waqt illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm biċċa oħra nieqsa. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema qegħdin jaħdmu fuq proġetti u għalhekk ma kienx hemm ċans illi jsir dan ix-xogħol.

3.4 Is-Sindku qal illi kien hemm problemi oħrajn rigward id-dawl f'triq Carmelo Caruana u qed imur ta' spiss biex jixgħel id-dawl hu [ref punt 3.7]. Qal illi ma jafx eżatt x'inhi l-problema. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mhux soluzzjoni li s-Sindku jmur kull darba biex jerġa jixgħel id-dawl hu u hemm bżonn illi jsir il-manutenzjoni. Is-Sindku rrisponda li ħadd ma jrid jerfa r-responsabilta tat-triq u għalhekk imur hu personali jirranġa għall-ġid tar-residenti u min jgħaddi minnha

3.5 Il-kunsilliera qablu li l-kors rigward il-liċenżja tal-bexx isir b'xejn jfis-sala jekk hemm konkorrenza, bil-kundizzjoni li n-nies tar-raħal jagħmlu l-kors mingħajr ħlas [ref punt 3.9].

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Kunsill iħallas €40 għall-kull BIS fix-xahar [ref punt 3.10]. Il-kunsilliera kienu unanimi fil-ħsieb tagħhom illi l-iskips on wheels mhumiex soluzzjoni pożittiva fir-raħal.

3.7 Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-istat tal-ħajt tal-ġnien Sir Alexander Ball [ref punt 3.14]. Il-Kunsill qed jara x'fondi hemm għall-dan it-tip ta' manutenzjoni izda s-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-preżent m'hemmx dawn it-tipi ta' fondi.

3.8 Is-Sindku qal illi x-xogħol [tneħħija ta reserved parking ref punt 3.15] ma kienx possibli dan l-aħħar minħabba t-temp.

3.9 Il-kunsillier Pietru Paw Busuttil qal illi x-xogħol [patching ref punt 4.4] ma sarx sew u ma kienx issiljat meta għada minn hemm hu. Is-Sindku kkonferma li dan ix-xogħol ġie ssiljat.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat u ffirmat.

4.2 Il-Payment Approval Sheet tal-laqgħa preċedenti ġie ffirmat ukoll.

**5. Korrespondenza**

Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.1 **Is-sur Tarċisju Barbara:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi, f'isem il-Parroċċa ta' Ħal Safi, is-sur Barbara staqsa meta se jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi. Dawn se jsiru fil-weekend ta' wara l-elezzjonijiet al-Kunsilli Lokali.

Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.2 **Żurrieq Local Council:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħtu promozzjoni tal-Ħeritage Trail tagħhom.

5.3 staqsa jekk il-kunsilliera rċevew invit għall-festa ta' San Pawl. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma rċieva xejn u li l-Viċi Sindku ġie mitlub jistaqsi lill-kunsilliera jekk kienu se jattendu għall-attivitajiet. Il-kunsilliera qablu li inviti għandhom jaslu sa ġimgħa qabel u bil-miktub.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi:

5.4 Il-Kunsill għandu jġedded l-Insurance Policy [tal-propjeta] u li se tiswa €845.88 [għal sena]

5.5 Il-Kunsill irċieva talba biex jixtri ktieb bħala premju għal student mill-Lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi dan il-premju jingħata kull sena u dejjem tajna ktieb bħala premju. Il-kunsilliera qablu unanimment.

**6. Tender: triq il-Ħajt Ruman**

6.1 Persuna waħda biss tefa stima għat-tender [supply of lamp posts and benches]. Dan kien is-sur Anton Zarb illi kellu dak kollu li ġie mitlub bħala Tender Documents. Il-Kunsill għażel l-irħas offerta rigward il-benches waqt illi kien hemm prezz wieħed biss għal lampi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi se nieħdu l-fondi tal-UIF għal dan il-proġett.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1 Il-kunsilliera esprimew il-kondoljanzi tagħhom lejn il-familja tal-Viċi Sindku Johan Mula, li kien skużat mil-laqgħa, wara l-mewt ta' missieru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jagħdi l-messaġġ tagħhom lill-Viċi Sindku.

**Is-Sindku**

7.2 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil**

7.3 Qal illi hemm membru tal-Kunsill illi qed jgħid illi se jkeċċi l-impjegati tal-Kunsill u jdaħħal in-nies tiegħu, u li qed idur u jgħid li hu s-Sindku tar-raħal. Is-Sindku ssekondja dak illi qal is-sur Busuttil u t-tnejn li huma kkondanaw dak li qiegħed jintqal minn dan il-persuna li se jikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill magħhom. IUt-tnejn li huma qalu li Ħal Safi jixraqlu aħjar.

**Il-kunsillier Publius Abdilla**

7.4 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Carlo Stivala**

7.5 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

8**. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fid-9 ta’ Marzu 2015.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |